MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2023

Appell Inferjuri Numru 101/2022 LM

**John Borg u Patricia Joyce konjuġi Borg**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Automated Revenue Management Services Limited**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Automated Revenue Management Services Limited** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni preliminari mogħtija fit-13 ta' Mejju, 2020 mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'

jew 'l-Arbitru'], u mil-lodo arbitrali mogħti mill-istess Tribunal fl-14 ta' Lulju, 2022 [hawnhekk 'il-lodo arbitrali appellat'], fejn it-Tribunal laqa' t-talbiet tar-rikorrenti, ċaħad ir-risposta tas-soċjetà intimata, u ordnalha tħallas lir-rikorrenti **John Borg u Patricia Joyce konjugi Borg** [hawnhekk 'l-appellati'] l-ammont ta' €5,889.54, bl-imgħax legali mit-8 ta' Jannar, 2018 kif ukoll bl-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal.

**<u>Fatti</u>**

2. Fl-Avviż tat-Talba tagħhom, ir-rikorrenti spjegaw li huma ħallsu l-ammont ta' €5,889.54 *under protest* lis-soċjetà intimata, stante li dan l-ammont kien dovut mill-inkwilin tagħhom ċertu Carmel Muscat, li kien ir-*registered consumer* fuq il-fond numru 23, Triq Frederick, Bormla [minn issa 'l-fond']. Ir-rikorrenti spjegaw li huma għamlu dan sabiex setgħu jittrasferixxu l-fond proprjetà tagħhom.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrenti spjegaw li huma kienu kostretti jħallsu l-kont għall-konsum tad-dawl u l-ilma tal-fond 23, Triq Frederick, Bormla, meta r-*registered consumer* fuq il-fond kien ċertu Carmel Muscat, inkwilin tal-fond. Qalu li kieku m'għamlux hekk, is-soċjetà intimata ma kinitx sejra taqleb is-servizzi għal fuq ir-rikorrenti li riedu jittrasferixxu l-istess fond. Ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll korrispondenza li ntbagħtet lis-soċjetà intimata f'isimhom, fejn ġie spjegat li

Carmel Muscat naqas li jħallas il-kontijiet tal-konsum, u għalhekk is-soċjetà intimata ssospendietlu s-servizz.

4. Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha qalet li l-kwistjoni tikkonċerna l-kont numru 101000165434, liema kont kien irreġistrat fuq isem ċertu Carmel Muscat, fir-rigward tal-fond 23, Triq Frederick, Bormla, proprjetà tar-rikorrenti. Qalet li dan il-fond kellu kontijiet pendenti fuqu ta' €5,889.54, u dawn tħallsu mir-rikorrenti fit-8 ta' Jannar, 2018 sabiex ikunu jistgħu jittrasferixxu l-fond, u l-kont relattiv jinqaleb f'isem l-utenti l-ġodda. Is-soċjetà intimata qalet li meta r-rikorrenti ħallsu d-djun tal-inkwilin tagħhom, huma kienu qegħdin jaġixxu bħala surrogaturi fil-liġi, u dan apparti l-fatt li huma kellhom interess li d-dejn li kien jimpinġi fuq il-proprjetà tagħhom jitħallas. Qalet ukoll li għalhekk is-soċjetà intimata mhijiex il-leġittima kontradittriċi tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti, stante li ma kinitx hi li naqset lir-rikorrenti, u hija dejjem kienet il-kreditur prinċipali fil-konfront tagħhom. Qalet ukoll li stante li din mhijiex vertenza dwar pendenzi fuq kont, iżda dwar rifużjoni ta' kreditu mħallas f'isem terz, din il-kwistjoni ma kellhiex tiġi determinata miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ. Is-soċjetà intimata għalhekk talbet li t-talbiet tar-rikorrenti jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

**<u>Il-lodo arbitrali</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni appellata mogħtija fl-14 ta' Lulju, 2022, it-Tribunal iddeċieda li r-risposta tas-soċjetà intimata għandha tiġi miċħuda u t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi milqugħa, u konsegwentement ikkundanna lis-soċjetà

intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €5,889.54, bl-imgħax legali mit-8 ta' Jannar, 2018 u bl-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Preliminari:*

*Illi l-esponent ġie nominat bħala arbitru in konnessjoni ma' talba tal-konjugi Borg kontra ARMS fis-26 ta' Novembru, 2019. Illi l-esponent żamm is-segwenti seduti:*

*13 ta' Jannar, 2021*
*18 ta' Frar, 2021*
*21 ta' Frar, 2021*
*18 ta' Mejju, 2021*
*17 ta' Ġunju, 2021*
*14 ta' Lulju, 2021*

*Ir-rikorrenti ppreżentaw avviż ta' arbitraġġ kontra l-intimat ARMS Ltd fejn talbu rifużjoni tal-ammont ta' €5,889.54 bl-imgħax mit-8 ta' Jannar, 2018.*

*L-intimat ARMS ippreżentat risposta fejn qalet li* "din mhix vertenza dwar pendenzi fuq kont iżda allegat rifjużjoni ta' kreditu mħallas f'isem terz" *u għalhekk* "din mhux kwistjoni li taqa' fil-kompetenza taċ-Ċentru tal-Arbitraġġ".

*Illi l-partijiet ippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet dwar din l-eċċezzjoni u talbu li l-arbitru jiddeċiedi din l-eċċezzjoni f'sentenza preliminari.*

*Illi fis-sentenza preliminari l-arbitru ċaħad l-eċċezzjoni tal-ARMS.*

*Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet dwar il-meritu John u Patricia konjugi Borg sostnew li kien hemm qbil li l-fond 23, Triq Frederick, Bormla proprjetà tar-rikorrenti kellu l-arloġġi fuq Carmel Muscat* (registered consumer) *u akkumula pendenzi ta' euro 5,889.54. Illi r-rikorrenti spiċċa ħallsu dan l-ammont lil ARMS sabiex l-istess ARMS jagħtu permess biex il-kont ikun jista' jinqaleb.*

*ARMS kienet ipprovat tirkupra l-arretrati mingħand Carmel Muscat mingħajr suċċess.*

*Illi bl-ittra uffiċjali datata 4 ta' Jannar, 2018 ir-rikorrenti spjegaw li* "ma jistgħux jistennew aktar bid-danni nġenti li qed isofru ... għalhekk se jħallsu huma stess il-kontijiet li hemm pendenti ... dan il-ħlas isir under protest". *Illi l-ammont ġie aċċettat minn ARMS mingħajr riservi.*

*Illi r-rikorrenti għamlu riferenza għal diversi sentenzi u għall-artikolu 1147 tal-Kodiċi Ċivili fejn jintqal* "Kull ħlas jissoponi dejn, u dak li jitħallas bla ma jkollu jingħata, jista' jintalab lura."

*Illi skont l-atturi l-policy ta' ARMS ...* "biex jiġi trasferit kont irid jitħallas il-pendenzi kollha fuq l-istess kont" *– hija kompletament żbaljata legalment. L-atturi għamlu riferenza għal arbitraġġ Cassar vs Enemalta (EW 1368/2008).*

*Illi l-policy ta' ARMS tolqot mhux biss ir-*registered consumer *iżda inġustament anke terzi persuni bħar-rikorrenti li ma kinux ikkunsmaw dak is-servizz u dana f'ċirkostanzi fejn ARMS kienet bi traskuraġni ħalliet lir-*registered consumer *tagħha jakkumula ammonti eżorbitanti qabel ma tgħaddi għas-sospensjoni tas-servizz.*

*Nota ta' ARMS*

*Illi fin-nota tagħha ARMS taċċetta li Carmel Muscat naqas li jħallas u li r-rikorrenti ħallsu l-ammont li Carmel Muscat kellu dovut lis-soċjetà ARMS. ARMS tissottometti li filwaqt li ma hemmx dubju li kien hemm dejn ta' Euro 5,889.54 favur ARMS ... dan l-ammont kellu jingħata u ma jistax issa jintalab lura. Skont l-ARMS l-atturi ħallsu sabiex jiffaċilitaw it-trasferiment tal-proprjetà tagħhom u ħaddieħor sabiex jeħles minn problema u jagħmel gwadann kummerċjali imbagħad minflok ifittex lill-persuna li għaliha għamel tajjeb, jipprova jġib lura dak li ħallas mingħand il-kreditur oriġinali għax jaf li mingħand il-persuna li għaliha għamel tajjeb kien se jkun diffiċli biex jakkwista l-ammont lura.*

*Il-ħlas ma sarx bi żball u lanqas ma sar mingħajr ma kellu jingħata. Skont l-ARMS l-atturi kellhom iduru fuq Carmel Muscat. Skont ARMS* "imur kontra l-prinċipju tal-ekwità li issa wara li għamlu dan il-gwadann kummerċjali kollu, jippretendu li jieħdu dan l-ammont lura mingħand il-kreditur tal-istess dejn."

***Konsiderazzjonijiet tal-Arbitru***

*Illi dwar il-fatti ma hemmx wisq kontestazzjoni. Illi ARMS kienet kreditriċi ta' Carmel Muscat li kien qed jokkupa fond tal-atturi. Illi meta Muscat telaq mill-fond ħalla kont konsiderevoli. Illi l-atturi kellhom bżonn servizz ta' dawl u ilma fil-fond tagħhom iżda ARMS ma ridux jipprovdu dan is-servizz jekk il-kont ma kienx imħallas.*

*Illi l-esponent jikkonsidra li l-intimat se mai kellu jaċċetta li jipprovdi jew jassikura li jiġi provdut ilma u dawl u kellha tinsisti li Muscat iħallas. Mhux aċċettabbli li ARMS tuża l-pożizzjoni tagħha biex tinsisti li bniedem li ma għandux iħallas ikun f'pożizzjoni li għandu jħallas bilfors.*

*Għaldaqstant l-esponent jikkonkludi r-risposta tal-intimat għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż u jilqa' t-talba tal-atturi u jordna lill-intimat sabiex iħallas lill-atturi euro 5,889.54 bl-imgħax legali mit-8 ta' Jannar, 2018 u bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.*

**<u>L-Appell</u>**

6. Is-soċjetà intimata ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha mid-deċiżjoni preliminari u mil-lodo arbitrali fid-29 ta' Lulju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tibdel il-lodo arbitrali mogħti fl-14 ta' Lulju, 2022, kif ukoll id-deċiżjoni preliminari tat-13 ta' Mejju, 2020, billi tilqa' l-aggravji mressqa f'dan l-appell, u konsegwentement tiċħad it-talba tar-rikorrenti, u tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta fl-intier tagħhom.

7. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-abritraġġ huwa dwar ir-rifużjoni pretiża mill-appellati għall-ammont ta' €5,889.53 li huma ħallsu lill-appellanta f'isem ċertu Carmel Muscat, stante li dan l-ammont kien dovut minnu bħala inkwilin u l-konsumatur irreġistrat fuq il-fond 23, Triq Frederick, Bormla. Dan il-ħlas sar mill-appellati bħala proprjetarji tal-fond, sabiex huma jkunu jistgħu jittrasferixxu l-fond. L-appellanta spjegat li it-trasferiment tal-fond sar permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar André Farrugia, tad-9 ta' Frar, 2018. L-appellanta spjegat li bejn il-partijiet hemm qbil li l-ammont in kwistjoni kien dovut minn Carmel Muscat, u lanqas hemm kontestazzjoni li l-konsum sar, u li sar fl-ammont ta' €5,889.54. L-appellanta qalet li l-inkwilin Carmel Muscat naqas milli jħallasha l-ammont dovut, u naqas ukoll milli jwieġeb għall-ittra uffiċjali mibgħuta minnha taħt l-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema pretensjoni kienet saret titolu eżekuttiv stante li Carmel Muscat kien

baqa’ inadempjenti, u għalhekk l-ittra ġiet segwita minn mandat ta’ sekwestru eżekuttiv. L-appellanta spjegat li finalment l-appellati ħallsu l-ammont kollu dovut minn Carmel Muscat, u dan sabiex ikunu jistgħu jittrasferixxu l-fond li tagħhom, kif fil-fatt sar. Is-soċjetà appellanta qalet li hija kienet infurmat lill-appellati li t-trasferiment ta’ arloġġ li fuqu jeżistu djun, mhuwiex permess, u lanqas ma jista’ jingħata servizz ġdid fuq fond li fih diġà hemm arloġġ. Qalet li sabiex ikun hemm it-trasferiment ta’ kont, l-ewwel iridu jitħallsu l-kontijiet kollha li jkun hemm fuq l-istess kont. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li l-appellat John Borg fix-xhieda tiegħu ma kkontestax il-konsum li sar minn Carmel Muscat, u kkonferma wkoll li ma ħax proċeduri kontra Muscat għall-ammonti mħallsa minnu għad-dawl u l-ilma kkunsmati mill-istess Muscat.

8. L-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta huwa dwar id-deċiżjoni preliminari mogħtija mit-Tribunal fit-13 ta’ Mejju, 2020, fir-rigward tal-eċċezzjoni dwar il-kompetenza taċ-Ċentru tal-Arbitraġġ. Qalet li l-Arbitru kien ikkonkluda li *“din hija kwistjoni li għandha x’taqsam mal-provvista tal-enerġija, kera ta’ meter tal-elettriku. Illi l-kliem “li għandha x’taqsam” – huma ġenerali biżżejjed biex tinkludi talba bħal din.”* L-appellanta qalet li l-kwistjoni odjerna tittratta materja oltre l-provvista tad-dawl u l-ilma, u mhijiex dwar servizz, provvista jew kontestazzjoni ta’ kont, iżda dwar ir-rifużjoni ta’ pagament minn persuna li l-kont lanqas biss kien isejjaħ lilha. Qalet li l-partijiet lanqas ma kellhom relazzjoni ta’ konsumatur u provditur tas-servizz sal-mument li fih seħħ il-ħlas in kwistjoni, u għalhekk huwa impossibbli li din il-kwistjoni tkun relatata mas-servizz ipprovdut mis-soċjetà appellanta, meta r-rikorrenti mhumiex iressqu din it-talba bħala konsumaturi tas-soċjetà appellanta.

9. L-appellanta qalet li sezzjoni 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta tindika b'mod ċar li ċ-Ċentru tal-Arbitraġġ għandu kompetenza jisma' tilwim li għandu x'jaqsam *"... mal-provvista tal-enerġija elettrika, kera ta' meter tal-elettriku, jew kull servizz provdut mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, u kull tilwima marbuta mas-servizz tal-ilma ...".* L-appellanta qalet li din il-kawża la hija relatata mas-servizz tal-ilma u lanqas mal-provvista tal-enerġija u tal-ilma, u din it-talba m'hija xejn għajr kawża ċivili għar-rifużjoni fejn terzi persuni ħallsu dejn, li seta' kien dovut minn kwalunkwe debitur, u wara li ħallsu dan id-dejn għan-nom ta' ħaddieħor u ma rnexxilhomx jirkupraw l-ammont imħallas mid-debitur prinċipali, daru fuq il-kreditur u talbuh sabiex jirrifondi l-ammont imħallas minhom. Qalet li għalhekk din il-kawża m'hi xejn għajr azzjoni ċivili għar-rifużjoni ta' ammont imħallas minn terzi għan-nom tad-debitur, li f'dan il-każ anke qajjem il-kwistjoni tas-surroga ai termini tal-artikolu 1166 tal- Kap. 16.

10. L-appellanta qalet li tant kemm il-kwistjoni m'hija bl-ebda mod relatata mas-servizz u l-provvista tal-enerġija u l-ilma, li anke l-evidenza u s-sottomissjonijiet tal-appellati dejjem kienu ta' natura ċivili dwar ir-rifużjoni tal-ammont imħallas minnhom għan-nom ta' Carmel Muscat, u qatt ma kkontestaw il-kont jew b'xi mod qajmu dubju dwar is-servizz u l-provvista tal-enerġija u tal-ilma. L-appellanta qalet ukoll li fil-kontro-eżami tal-appellat, dan ma kkontestax li fil-fatt kien hemm konsum li sar minn Carmel Muscat. L-appellanta qalet li t-talba tal-appellati dejjem kienet *ai termini* tal-artikoli 1021, 1022 u 1147 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li huma artikoli ta' natura purament ċivili relatati ma' debitu *ex persona* (l-artikoli u 1022 u 1147 tal-Kap. 16 ) u *ex re* (l-artikolu 1147 tal-Kap. 16), u dawn huma artikoli li jsir riferiment

għalihom fi kwistjonijiet relatati ma' irkupru ta' ammonti mħallsa bi żball jew li ma kellhomx jingħataw. L-appellanta qalet li jirriżulta ċar mill-evidenza mressqa miż-żewġ partijiet, li l-ammont imħallas mill-appellati ma tħallasx bi żball u kien dovut lis-soċjetà appellanta bħala kreditur prinċipali, u għalhekk ma jistax jintalab li jiġi rkuprat mill-appellati mingħand l-appellanta għaliex sempliċement ma rnexxilhomx jirkuprawh mingħand id-debitur li għalih għamlu tajjeb huma b'mod volontarju, u għall-interessi personali tagħhom. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-fatt mill-provi rriżulta li dan il-fond inbiegħ wara biss xahar minn meta tħallas id-dejn relattiv, u din hija prova li l-appellati ħallsu d-dejn b'mod volontarju għaliex kien fl-interess tagħhom li jagħmlu hekk.

11. It-tieni aggravju tal-appellanta huwa bbażat fuq il-fatt li l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu naqas milli jikkonsidra diversi artikoli tal-liġi u kunċetti fundamentali għall-każ, liema nuqqasijiet wasslu biex id-deċiżjoni appellata tkun milquta minn difetti li għandhom jirrenduha nulla u bla effett. Qalet li fid-deċiżjoni finali tiegħu l-Arbitru wasal għall-konklużjoni żbaljata li hija kellha taċċetta li tipprovdi jew tassikura li jiġi pprovdut is-servizz tad-dawl u l-ilma, u dan minkejja l-kont pendenti da parti tal-utent preċedenti. Qalet ukoll li d-direzzjoni mogħtija mill-Enemalta hija li ma jistax isir trasferiment ta' kont li hemm dejn abbinat miegħu, u għalhekk kuntrarjament għall-konklużjoni li wasal għaliha l-Arbitru, f'dan il-każ l-appellanta la kellha obbligu u lanqas setgħet taċċetta li tipprovdi jew tassikura li jiġi pprovdut dawl u ilma mingħajr ma jkun tħallas id-dejn abbinat mal-kont in kwistjoni. Qalet li dan ġie kkonfermat mir-rappreżentant tagħha Reuben Bonnici fix-xhieda li ta quddiem l-Arbitru, fejn ikkonferma li fuq direzzjoni tal-Enemalta, biex ikun hemm

trasferiment ta’ kont, l-ewwel iridu jitħallsu l-pendenzi li jkun hemm fuq l-istess kont. Qalet li l-Arbitru kien żbaljat meta qal li l-appellanta ma nsistietx li Carmel Muscat iħallas il-kont tiegħu. Qalet li hija ppruvat li min-naħa tagħha għamlet diversi tentattivi, inkluż permezz ta’ ittra uffiċjali u mandat ta’ sekwestru, li kopja tagħhom ġiet esebita fl-atti tal-arbitraġġ, sabiex Carmel Muscat iħallas dak dovut minnu, iżda minkejja kollox dan baqa’ ma ħallasx, u kien hawn fejn l-appellati ħallsu d-dejn għan-nom tiegħu sabiex jiffaċilitaw it-trasferiment tal-fond tagħhom. L-appellanta qalet li l-Arbitru kien żbaljat ukoll meta qal li mhux aċċettabbli li l-appellanta tuża l-pożizzjoni tagħha sabiex tinsisti li persuna li mhijiex hi li għandha tħallas, titpoġġa f’pożizzjoni fejn ikollha tħallas bilfors. Qalet li hija fl-ebda ħin ma talbet, insistiet jew sfurzat lill-appellati sabiex iħallsu l-kont akkumulat minn Carmel Muscat “bilfors”, iżda kienu l-appellati li minn jeddhom ħallsu dan id-dejn għan-nom ta’ Carmel Muscat sabiex jiffaċilitaw it-trasferiment tal-fond tagħhom, u dan bl-ebda mod ma jammonta għal insistenza da parti tagħha. Qalet ukoll li waqt il-proċeduri quddiem l-Arbitru, l-appellati fl-ebda ħin ma qalu li huma ġew sfurzati jħallsu d-dejn għan-nom ta’ Carmel Muscat, u rriżulta bl-aktar mod ċar li l-pagament sar minnhom b’mod intenzjonat. Qalet li għalhekk ikun ferm inġust mal-kreditur jekk wieħed iħallas dejn għan-nom ta’ ħaddieħor sabiex jeħles minn problema u jagħmel gwadann kummerċjali, imbagħad minflok ifittex lill-persuna li għaliha għamel tajjeb, jipprova jġib lura dak li ħallas mingħand il-kreditur li jkun tħallas, għax jaf li se jkun diffiċli li jitħallas lura dak li jkun ħallas mingħand id-debitur. L-appellanta qalet ukoll li l-Arbitru naqas milli jikkonsidra li l-appellati kienu qegħdin jaġixxu b’surroga *ipso jure ai termini* tal-artikolu 1166(ċ) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’

Malta, u huma kienu ċaħdu li teżisti surroga, iżda mill-provi ħareġ ċar li s-surroga kienet teżisti. Is-soċjetà appellanta qalet li mill-provi jirriżulta li l-appellati ħallsu l-kont relattiv għan-nom ta' Carmel Muscat fit-8 ta' Jannar, 2018, sabiex b'hekk il-*meter* tal-fond in kwistjoni ġie lliberat minn kwalunkwe djun. Qalet li l-appellati kellhom kull interess li jagħmlu dan, għaliex mingħajr dak il-pagament il-*meter* tal-fond tagħhom kien jibqa' mgħobbi b'dejn li kien ser jagħmilha diffiċli li l-fond jinbiegħ. Qalet li fil-fatt xahar wara li sar il-ħlas tad-dejn relattiv, l-appellati biegħu l-fond tagħhom, u huwa evidenti li mingħajr dak il-ħlas, il-kuntratt ma kienx jiġi ffirmat.

12. Is-soċjetà appellanta qalet li l-elementi rikjesti mill-artikolu 1166(ċ) tal-Kap. 16 għal surroga *ipso iure* huma preżenti, jiġifieri l-obbligu li jsir il-ħlas tad-dejn, liema obbligu sar favur il-kumpraturi fuq il-kuntratt ta' bejgħ, u l-interess tal-appellati li jeħilsu minn dak id-dejn. Qalet li għalhekk l-appellati kienu qegħdin iħallsu permezz ta' surroga għan-nom ta' Carmel Muscat u mhux f'isimhom personalment, u kwalunkwe azzjoni li kellhom jieħdu sabiex jirkupraw l-ammont li huma jħossu li ma kellhomx iħallsu, ċertament ma kelliex isir kontra s-soċjetà appellanta. L-appellanta saħqet li l-appellati setgħu jagħmlu dan għaliex *ai termini* tal-artikolu 1164 tal-Kap. 16, l-appellati daħlu fil-jeddijiet tal-kreditur u għalhekk setgħu faċilment iduru fuq Carmel Muscat. Qalet ukoll li hija m'għandhiex tpatti għan-nuqqas tal-appellati li jagħmlu dan. Is-soċjetà appellanta qalet li l-ħlas tal-appellati ħalliha mingħajr jedd kontra Carmel Muscat, stante li issa Muscat jista' faċilment jeċċepixxi li d-dejn tiegħu tħallas mill-appellati permezz ta' surroga *ai termini* tal-artikolu 1166(ċ) tal-Kap. 16, u huwa għalhekk li d-deċiżjoni appellata hija waħda perikoluża għaliha. Is-soċjetà

appellanta qalet li għalhekk il-kawża oriġinarja tar-rapport li l-artikolu 1147 tal-Kap. 16 jgħid li għandha tkun nieqsa fi ħlas, mhijiex nieqsa fil-kawża odjerna, u minkejja li l-appellati qegħdin jisħqu li huma kienu qegħdin iħallsu f'isimhom, fil-verità huma kienu qegħdin iħallsu b'surroga *ipso jure* minħabba li kellhom obbligu u interess li jagħmlu dan. L-appellanta saħqet li għalhekk il-pretensjoni tal-appellati għar-rifużjoni tal-ammont imħallas minnhom, m'għandhiex tkun indirizzata lilha, stante li hija l-kreditur oriġinali, iżda lejn il-persuna li għad-dejn tagħha għamlu tajjeb l-appellati, jiġifieri Carmel Muscat.

13. It-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li l-Arbitru naqas milli jagħti motivazzjoni u spjegazzjoni ċara għad-deċiżjoni tiegħu. Qalet li l-uniku mod kif l-Arbitru ttenta jispjega l-konklużjoni tiegħu hija b'paragrafu fejn jiddetta l-opinjoni tiegħu, u jgħid li hija kellha l-obbligu li tipprovdi d-dawl u l-ilma, u li hija kellha tinsisti li Muscat iħallas. Qalet li l-motivazzjoni tal-Arbitru hija ferm xotta u ħallietha b'aktar domandi milli risposti. Qalet li fin-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-partijiet qajmu diversi argumenti legali, u għamlu riferiment għal diversi artikoli tal-liġi sabiex isostnu l-argumenti tagħhom. Qalet li dawn l-argumenti ma ġewx analizzati u ġudikati mit-Tribunal kif kien mistenni, u dan ma jagħtihiex is-sodisfazzjon neċessarju sabiex isserraħ moħħha li l-argumenti mressqa minnha għaddew mill-għarbiel tal-ġustizzja. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għal deċiżjoni tal-Qrati tagħna fejn ingħad li ma tkunx qegħda ssir ġustizzja mal-partijiet fejn dawn ma jingħatawx sodisfazzjon tar-raġuni li tkun wasslet lill-ġudikant għad-deċiżjoni tiegħu.

**Ir-Risposta tal-Appell**

14. L-appellati fir-risposta tagħhom qalu li l-appell interpost mis-soċjetà appellanta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk għandu jiġi miċħud. Qalu li l-kwadru tal-fatti ftit li xejn huwa kkontestat, u dan billi huma sidien tal-fond 23, Triq Frederick, Bormla, li huma krew lil Carmel Muscat li kien "*registered subscriber*" mas-soċjetà appellanta. Qalu li Muscat waqa' lura fil-ħlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma u s-soċjetà appellanta minflok ma aġixxiet tempestivament biex twaqqaf is-servizz jekk il-ħlas ma jsirx fit-terminu stipulat fil-liġi, hija baqgħet inattiva għal bosta snin, b'ħela ta' fondi pubbliċi, u ħalliet lil Carmel Muscat jinqeda bil-konsum mingħajr ħlas, u kien biss meta l-bilanċ pendenti kien wieħed sostanzjali li s-soċjetà appellanta pproċediet biex tirkupra dak li kien dovut lilha. L-appellati qalu li l-appellanta kienet ipproċediet kontra r-*registered subscriber* Carmel Muscat bil-preżentata ta' ittra uffiċjali fi Frar tal-2015, u ottjeniet titolu eżekuttiv kontra tiegħu a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalu wkoll li huma kellhom bżonn għar-raġunijiet finanzjarji tagħhom ibiegħu l-imsemmi fond, u applikaw għal servizz ġdid sabiex il-konsum tad-dawl u l-ilma jiġi rreġistrat f'isimhom. Qalu li s-soċjetà appellanta rrifjutat dan, għaliex skont hi kull fond jista' jkollu biss servizz wieħed. L-appellati qalu li għalhekk l-unika possibilità li huma kellhom biex setgħu jbiegħu l-fond, kienet li jħallsu huma l-kontijiet li kien hemm pendenti, anki jekk għamlu dan *under protest.* L-appellati qalu li l-appellanta għalhekk mhijiex korretta meta tgħid li l-appellati ħallsu dan il-kont f'isem Carmel Muscat, għaliex huma ħallsu l-kont f'isimhom. L-appellati qalu wkoll li s-soċjetà appellanta kienet taf li ma kellha tirċievi xejn mingħandhom, u l-ammont kanonizzat u pretiż

mingħand Carmel Muscat kien ta' €4,669.64, filwaqt li l-ammont imħallas mill-appellati kien ferm aktar minn hekk, €5,889.54.

15. B'riferiment għall-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellati qalu li l-iskop tal-leġislatur bil-promulgazzjoni tal-Kap. 387 kien proprju sabiex isaħħaħ is-sistema ġudizzjarja u jaċċellera l-proċeduri legali. Qalu li l-emenda introdotta fil-liġi li tat ġurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal bħala arbitraġġ mandatorju f'tilwimiet marbuta mas-servizzi tad-dawl u l-ilma, saret ukoll biex tkompli tħaffef il-kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu fir-rigward. Qalu wkoll li kwistjonijiet li jaqgħu taħt ir-Raba' Skeda tal-Att m'għandhomx jibqgħu jinstemgħu mill-Qrati u Tribunali, u f'dawn il-każijiet il-leġislatur ried ineħħi d-dritt tal-għażla tal-forum fejn għandha tirreferi t-tilwima. Qalu li dan ifisser li f'każijiet bħal dawn il-partijiet m'għandhomx għażla, u tilwimiet li għandhom x'jaqsmu mas-servizzi tad-dawl u l-ilma jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal. L-appellati qalu li huma qegħdin jitolbu rifużjoni tal-kont tad-dawl u l-ilma li ħallsu f'isimhom u *under protest* meta r-*registered subscriber* tas-soċjetà appellanta kien Carmel Muscat. Qalu li għalhekk fil-verità huma kienu mġiegħla jħallsu dan il-kont għaliex l-appellanta rrifjutat li terġa' tipprovdi s-servizz qabel jitħallas il-kont li hija stess ħalliet jakkumula mingħajr ebda intervent da parti tagħha, filwaqt li għal ħafna snin Carmel Muscat tħalla mingħajr servizz tad-dawl u l-ilma. Qalu li huma kienu kostretti wkoll iħallsu somma akbar minn dak li s-soċjetà appellanta kienet qegħda titlob lil Muscat iħallas, u dan kollu jinkwadra f'*"kull tilwima li jkollha x'taqsam mal-provvista tal-enerġija elettrika, kera ta' meter tal-elettriku, jew kull servizz provdut mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, u kull tilwima marbuta mas-servizzi tal-*

*ilma."* L-appellati qalu li għalhekk huwa evidenti li t-Tribunal għandu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi dan il-każ meta si tratta ta' *"kwistjoni li għandha x'taqsam mal-provvista tal-enerġija".*

16. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellati qalu li r-*registered consumer* fuq il-fond kien Carmel Muscat, li ħalla kontijiet eżorbitanti fejn jidħol il-konsum tad-dawl u l-ilma, qabel ma l-appellanta ddeċidiet li tissospendilu l-konsum. Qalu li huma kellhom bżonn ibiegħu l-fond, iżda s-soċjetà appellanta rrifjutat li ddawwar l-arloġġi fuqhom jew li tagħtihom arloġġi ġodda, u din esiġiet li l-pendenzi li kien hemm jitħallsu kollha. Qalu li l-Korporazzjoni Enemalta wkoll tat direzzjoni f'dan is-sens, u għalhekk ladarba l-inkwilin Carmel Muscat ma kienx f'qagħda li jħallas dak dovut minnu, huma ma kellhom l-ebda alternattiva għajr li jħallsu l-kont huma. Qalu wkoll li ladarba l-Enemalta tat id-direttiva li tat, din esponiet ruħha għall-kritika li d-direzzjoni li tat kienet waħda illegali. L-appellati qalu li bil-*policy* tagħha, l-Enemalta mhux biss qegħda tolqot lir-*registered consumer* tagħha, iżda anki lil terzi li ma kinux ikkunsmaw is-servizz huma, u dan f'ċirkostanzi fejn kienet is-soċjetà appellanta li ħalliet il-pendenzi jakkumulaw. Qalu li filwaqt li l-appellanta kienet traskurata, din ippretendiet li jkunu persuni oħra li jagħmlu tajjeb għat-traskuraġni tagħha. L-appellati saħqu li s-soċjetà appellanta intervjeniet tard wisq fil-konfront ta' Muscat, li tħalla jmur jabita f'post ieħor, irreġistra l-arloġġi fuq isem martu, u reġa' għal darb'oħra akkumula kontijiet fl-ammont ta' €4,000. L-appellati qalu li fi kwalunkwe każ mhijiex korretta l-appellanta tgħid li f'dan il-każ kien hemm surroga, u dan għaliex huma ħallsu l-kont f'isimhom, u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tagħhom. Qalu wkoll li l-każ in diżamina ma jinkwadrax fit-termini

tal-artikolu 1166 tal-Kap. 12, u dan għaliex l-appellati ma kinux kredituri anterjuri u ħallsu lill-ARMS li kellhom fuqu jedd ta' preferenza minħabba privileġġi jew ipoteka, mhux każ li huma akkwistaw immobbli u ħallsu dejn ta' kreditur li kellu xi ipoteka fuq il-post, ma kinux obbligati ma' oħrajn jew għal oħrajn li jħallsu lill-ARMS Ltd, u ma kinux qegħdin iħallsu d-djun minn xi wirt. L-appellati qalu wkoll li kienet l-soċjetà appellanta li poġġiet lilha nnifisha f'pożizzjoni "allarmanti" għaliex poġġiet lill-appellati f'pożizzjoni fejn bilfors kellhom iħallsu kont li ma kienx tagħhom biex ikollhom servizz tad-dawl u l-ilma, u dan meta huwa d-dover tal-appellanta li tipprovdi dan is-servizz lill-persuni li mhumiex debituri tagħha.

17. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellanta, l-appellati qalu li l-Arbitru kien ċar ħafna fir-raġunijiet mogħtija minnu, partikolarment meta jirriżulta li l-s-soċjetà appellanta rrikorriet għal *arm twisting methods* biex iġġiegħel lill-appellati jħallsu dejn li mhumiex tagħhom biex jieħdu s-servizz lura. Qalu li l-ispjegazzjoni tal-Arbitru, li kkonkluda li l-appellati ma kinux id-debituri tas-soċjetà appellanta u li kienu ġew indotti jħallsu "bilfors", tiġbor fiha l-punti legali kollha mressqa mill-partijiet, dak tal-appellati li għandhom dritt jitolbu lura dak li ħallsu mingħajr ma kien dovut minnhom, *indebiti solutio 'ex rei'* fejn huwa irrilevanti l-iżball u l-liġi ma tipprovdix dwaru, b'distinzjoni mill-indebitu taħt l-artikoli 1021 u 1022 tal-Kap. 16 fejn il-liġi tirrikjedi li l-pagament ikun sar bi żball; u l-punt l-ieħor li ma kienx hemm surroga għaliex l-appellati ma kinux obbligati ma' jew għal Carmel Muscat, li huwa d-debitur tal-appellanta, u dan huwa l-unika persuna li għandu jirrispondi għad-dejn li għamel mal-appellanta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

18. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellati fit-tweġiba tagħhom.

*L-ewwel aggravju:* *[il-kompetenza tat-Tribunal]*

19. Is-soċjetà appellanta ssostni li din it-tilwima ma kellhiex tinstema' quddiem it-Tribunal, iżda quddiem qrati ta' kompetenza ġenerali, u dan għaliex fil-fehma tagħha l-mertu tal-każ imur oltre kwistjoni li strettament għandha x'taqsam mal-provvista tad-dawl u l-ilma ġewwa fond, iżda hija dwar rifużjoni ta' pagament li l-appellati jgħidu li għamlu indebitament. Qalet ukoll li hija m'għandha l-ebda relazzjoni ta' fornitur ta' servizz mal-appellati, li min-naħa tagħhom mhumiex il-konsumaturi tagħha. Is-soċjetà appellanta tgħid li din kellha tkun kawża ċivili fejn terzi ħallsu dejn għan-nom ta' debitur, u fejn hu indiskuss li l-konsum sar minn ċertu Carmel Muscat, li kien l-inkwilin tal-fond proprjetà tal-appellati.

20. L-artikolu 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi:

> "Kull tilwima li jkollha x'taqsam mal-provvista tal-enerġija elettrika, kera ta' meter tal-elettriku, jew kull servizz provdut mal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, u kull tilwima marbuta mas-servizzi tal-ilma, bla ħsara, fejn dan japplika għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ...

> ...
>
> Iżda wkoll minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, iżda minbarra l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jew kull regolament magħmul taħtu fejn dawn il-liġijiet jikkonċernaw is-soluzzjoni, deskritta kif deskritta, ta' kull tilwim tal-konsumatur, u bla ħsara għal każijiet li hemm pendenti, it-Tribunal tal-Arbitraġġ għandu jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva fuq dawn il-każijiet."

21. It-tilwima bejn il-partijiet bdiet għaliex l-inkwilin fil-fond proprjetà tal-appellati, irreġistra f'ismu l-*meters* tad-dawl u l-ilma f'fond li mhuwiex proprjetà tiegħu. Kien l-inkwilin li kkonsma d-dawl u l-ilma u li ħalla l-kontijiet jakkumulaw, qabel ma finalment is-soċjetà appellanta ħadet il-passi legali neċessarji sabiex tirkupra dak li huwa dovut lilha. Meta t-terz debitur naqas milli jħallas u naqas ukoll milli jwieġeb għall-ittra uffiċjali mibgħuta lilu, is-soċjetà appellanta kisbet titolu eżekuttiv fil-konfront tiegħu, u għalkemm ma ngħad xejn dwar dan fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, aktarx li l-assi tat-terz debitur ma kinux suffiċjenti biex jagħmlu tajjeb għad-debitu li nkorra fil-konfront tas-soċjetà appellanta. Kien meta l-appellati bħala sidien tal-fond sabu ruħhom f'sitwazzjoni fejn huma ma setgħux jittrasferixxu l-fond minħabba l-pendenzi tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma li kien hemm fuqu, li dawn iddeċidew li jħallsu l-kontijiet huma, sabiex b'hekk il-fond seta' jiġi trasferit. Wara li sar it-trasferiment tal-fond, l-appellati fetħu l-proċeduri odjerni kontra s-soċjetà appellanta bit-tama li jirkupraw dak li huma qegħdin jgħidu li ħallsu indebitament, stante li l-konsum kien irreġistrat mill-inkwilin. Jirriżulta bl-aktar mod ċar li la l-appellati u lanqas is-soċjetà appellanta m'għandhom mod kif jirkupraw dak li huwa dovut lilhom mingħand l-inkwilin Carmel Muscat. Mill-provi jirriżulta wkoll li għal xi żmien is-soċjetà appellanta kienet qatgħet il-

provvista tad-dawl u l-ilma fil-fond in kwistjoni, u kien għalhekk li l-appellati kienu kostretti jagħmlu tajjeb għall-konsum ta' Muscat, għaliex id-direzzjoni mill-Korporazzjoni Enemalta kienet li kien ser ikun hemm diffikultajiet biex il-fond jiġi trasferit meta kien hemm dawk il-kontijiet fuqu.

22. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għall-kliem tal-liġi, li tirrimanda *"kull tilwim tal-konsumatur"* għall-proċedura tal-arbitraġġ mandatorju. Il-leġislatur ried li tilwimiet bħal dawn jiġu deċiżi lil hinn mill-formalitajiet tal-Qrati Ċivili, kif ukoll li meta tingħata deċiżjoni f'dan ir-rigward jiġi applikat il-prinċipju tal-ekwità aktar minn kull prinċipju ieħor, u dan bit-tama li d-deċiżjoni li tittieħed tkun waħda li toffri soluzzjoni lill-partijiet involuti. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'sentenza fl-ismijiet **Gold Circle Developments Limited *vs* Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma et**[1]:

> *"It-tilwima li għandha quddiemha din il-Qorti hija preċiżament tilwima dwar il-"provvista tal-enerġija elettrika", lil Joseph Sultana għas-soċjetà rikorrenti, u tikkonċerna s-servizz provdut miż-żewġ Korporazzjonijiet intimati. Huwa pależi li desputa fuq "nuqqas" ta' provvista kjarament taqa' fl-ambitu ta' "tilwim" fuq il-provvista tal-enerġija elettrika.*
>
> *Di più, id-danni allegatament sofferti mis-soċjetà rikorrenti, jemminaw u jiddependu fuq it-tilwima dwar il-provvista o meno tal-luce elettrika u ilma miż-żewġ Korporazzjonijiet intimati.*
>
> *... Din id-disputa bejn il-partijiet tinkwadra ruħha perfettament f'dak illi huwa maħsub f'Artikolu 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta, kif fuq spjegat. Dan it-tilwim jinkludi fil-fehma tal-Qorti, kull tilwima li wasslet għal nuqqas ta' provvista tas-servizzi u tinkludi l-policy tal-Korporazzjonijiet dwar il-ħlasijiet ta' kontijiet tal-konsumaturi reġistrati preċedenti, u dana b'mod speċjali in vista tal-fatt*

[1] 17.10.2013.

*li dawn il-Korporazzjonijiet għandhom monopolju fil-provvista ta' luce elettrika u ilma f'dawn il-gżejjer. Hija l-fehma ta' din il-Qorti, illi, kwalunkwe tilwima rigwardanti danni subiti bħala konsegwenza ta' nuqqas ta' provvista tas-servizzi, għandha wkoll tiġi konsidrata bħala tilwima li għandha x'taqsam mal-provvista tal-enerġija elettrika u mas-servizzi tal-elettriku u ilma skont l-Artikolu 1.3 tal-Iskeda fuq indikata.*

*Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetajiet intimati, tiddikjara illi l-Qrati ordinarji m'għandhomx ġurisdizzjoni in materja u li tali ġurisdizzjoni hija arrogata lit-Tribunal tal-Arbitraġġ."*

23. Fis-sentenza appena ċitata, il-Qorti ttentat tagħti lista mhux esklussiva ta' sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt l-artikolu 1.3 tar-Raba' Skeda, liema sitwazzjonijiet jinkludu l-qtugħ tal-provvista tad-dawl u l-ilma, u pendenzi ta' konsumaturi rreġistrati preċedenti, bħal fil-każ odjern. Għaldaqstant huwa evidenti li t-Tribunal tal-Arbitraġġ kellu kompetenza jisma' u jiddeċiedi dwar it-tilwima odjerna, u għalhekk tqis li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta mhux mistħoqq u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[it-Tribunal injora l-fatt li kien hemm surroga* ipso jure*]*

24. Is-soċjetà appellanta qalet li l-Arbitru ma għamel l-ebda konsiderazzjoni dwar diversi artikoli tal-liġi u kunċetti fundamentali. Qalet li l-Arbitru kien żbaljat meta kkonkluda li hija kellha obbligu tipprovdi servizz tad-dawl u l-ilma fil-fond, u dan meta hija kellha direzzjoni mingħand il-Korporazzjoni Enemalta sabiex ma tippermetti li jkun hemm ebda trasferiment ta' *meters* fejn hemm kontijiet pendenti. Qalet ukoll li mhux minnu li hija m'għamlet xejn sabiex tittenta tirkupra dak li huwa dovut lilha, għaliex kienet bagħtet ittra uffiċjali *ai*

*termini* tal-artikolu 466 tal-Kodiċi Ċivili, u meta ma kien hemm l-ebda risposta min-naħa tad-debitur, hija kisbet titolu eżekuttiv fil-konfront tiegħu. Qalet iżda li l-appellati ħallsu minn jeddhom, u dan għaliex kien fl-interess tagħhom li jagħmlu dan, stante illi li kieku ma sarx dan il-ħlas, l-appellati ma setgħux jittrasferixxu l-fond. Is-soċjetà appellanta saħqet li f'dan il-każ kien hemm surroga mill-appellati, li ħallsu dak dovut lill-appellanta f'isem Carmel Muscat, u b'dan il-ħlas issa hija spiċċat f'sitwazzjoni fejn m'għandha l-ebda rimedju kontra Muscat. Qalet ukoll li l-appellati kienu żbaljati meta indirizzaw il-pretensjonijiet tagħhom fil-konfront tagħha.

25. B'riferiment għas-sottomissjoni tas-soċjetà appellanta li f'dan il-każ kien hemm surroga, il-Qorti tgħid li fil-ġurisprudenza ġie stabbilit illi:

> "*la surrogazione legale si verifica a favore di colui che, essendo obbligato con altri o per altri, al pagamento del debito, l'avesse pagato sia volontariamente, perche avar interesse di pagarlo, sia perche egli fosse costretto giudiziaramente a farlo*" **(Vol. XXII p. II p. 332)**.

26. Imma fil-każ odjern l-appellati ma kellhom l-ebda obbligu li jagħmlu dan il-ħlas flimkien ma', jew għan-nom ta' Carmel Muscat. L-interess tal-appellati li jħallsu l-kontijiet pendenti lis-soċjetà appellanta, skatta mill-fatt li huma xtaqu għar-raġunijiet tagħhom, jittrasferixxu l-fond mgħobbija b'dan il-piż lil terzi, u x-xerrejja prospettivi kienu jafu li kien ser ikollhom problema jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom mal-fornitur tas-servizz tad-dawl u l-ilma. Ix-xerrejja prospettivi ma kienux disposti li jħallsu huma l-kontijiet pendenti, u għalhekk jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-appellati spiċċaw f'sitwazzjoni fejn sabiex setgħu

jinnegozjaw l-fond tagħhom, kellhom iħallsu d-dejn li ħalla l-inkwilin tagħhom, anki jekk għamlu dan *under protest.* Huwa għalhekk li l-appellati istitwew il-proċeduri odjerni kontra s-soċjetà appellanta, u qegħdin jgħidu li l-ħlas lilha sar indebitament, u dan għaliex l-appellanta, meta sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn ma setgħetx tirkupra dak li kien dovut lilha mingħand id-debitur prinċipali tagħha, 'ikkastigat' lis-sidien tal-fond billi għamlitha diffiċli għalihom biex jittrasferixxu il-fond. Is-soċjetà appellanta setgħet ħadet passi kontra d-debitur tagħha ferm qabel, u setgħet qatgħet il-provvista tad-dawl u l-ilma fil-fond ferm qabel tħallew jakkumulaw eluf ta' Euro f'kontijiet. L-Arbitru fi proċeduri tal-arbitraġġ huwa obbligat li jiddeċiedi skont l-ekwità. Fil-każ odjern l-ekwità kienet titlob illi persuna li mhijiex konsumatur ta' servizz, m'għandhiex tkun kostretta li tħallas hi għall-konsum ta' ħaddieħor. Is-soċjetà appellanta kellha rimedji oħra għad-disposizzjoni tagħha, iżda quddiem sitwazzjoni fejn kien diffiċli għaliha li tirkupra dak li kien dovut lilha mingħand id-debitur, mhux ekwu u ġust li tgħid li r-rimedju disponibbli għaliha huwa li tagħmilha diffiċli għas-sidien tal-fond li jittrasferixxu l-proprjetà tagħhom. Mhux ġust lanqas li jingħad li kien hemm surroga *ai termini* tal-artikolu 1166(ċ) tal-Kap. 16 għaliex l-appellati kellhom *"interess"* iħallsu d-dejn biex min-naħa tagħhom huma setgħu jbiegħu l-fond. L-allegat interess tal-appellati skatta biss hekk kif huma saru jafu li kien ser ikollhom problemi biex jittrasferixxu l-fond lil terzi, u kien għalhekk li huma ħallsu l-kont pendenti f'isimhom u mhux għan-nom jew flimkien mal-inkwilin tagħhom, u *under protest.* Ma jistax jingħad iżda li l-appellati kellhom "interess" iħallsu d-dejn, għaliex din hija sitwazzjoni fejn l-appellati kienu kostretti jħallsu d-dejn ta' Carmel Muscat, biex huma min-naħa tagħhom

setgħu jonoraw l-obbligi tagħhom mat-terz li kien ser jixtri l-fond mingħandhom. Għandhom raġun għalhekk l-appellati fis-sottomissjonijiet tagħhom quddiem din il-Qorti fejn qalu l-appellanta kienet traskurata biex tiġbor dak li kien dovut lilha, għaliex jirriżulta li ħalliet pendenzi jakkumulaw għal bosta snin, qabel ħadet azzjoni u bagħtet ittra uffiċjali lil Muscat, u eventwalment qatgħet is-servizz. In-nuqqas ta' azzjoni fil-ħin mill-appellanta ċertament li ma kienx fl-interess tal-appellati, li kienu kostretti jagħmlu tajjeb għall-pendenzi kollha li tħallew jakkumulaw fuq medda ta' snin. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[in-nuqqas ta' motivazzjoni fid-deċiżjoni tal-Arbitru]*

27. Is-soċjetà appellanta tgħid li ħassitha aggravata għaliex id-deċiżjoni tal-Arbitru mhijiex motivata b'mod suffiċjenti. Tgħid li d-deċiżjoni mogħti hija waħda xotta u mingħajr spjegazzjoni, u hija ma ħadet l-ebda sodisfazzjon jew raġun għad-deċiżjoni tal-Arbitru.

28. Għalkemm huwa minnu li d-deċiżjoni tal-Arbitru mhijiex waħda twila u elaborata, ma jistax jingħad li l-Arbitru ma mmotivax jew ma tax spjegazzjoni għad-deċiżjoni tiegħu, fejn finalment iddeċieda li kien id-debitur prinċipali li kellu jirrispondi għad-dejn li sar mas-soċjetà appellanta. L-Arbitru kien korrett ukoll meta qies li l-appellati ġew sforzati jħallsu, għaliex li kieku m'għamlux dan, il-fond proprjetà tagħhom ma setax jiġi ttrasferit. Saru asserzjonijiet mill-Arbitru li din il-Qorti ma taqbilx magħhom, bħal per eżempju fejn implika li l-ARMS għandha tipprovdi s-servizz tad-dawl u l-ilma anki lil min ma jkunx

qiegħed iħallas għal tali servizz, iżda b'daqshekk ma jfissirx li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija waħda żbaljata. Huwa minnu li seta' kien hemm elaborazzjoni aktar fit-tul dwar ir-raġunijiet li wasslu lill-Arbitru għad-deċiżjoni tiegħu, iżda minkejja dan, kellu jkun ċar għall-partijiet għal liema raġuni l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni li wasal għaliha u fuq liema premessi sejjes ir-raġunament tiegħu. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu wkoll.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni preliminari u l-*lodo* arbitrali fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**